MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 963/2011

**Gabriel u Maria konjuġi Ebejer**

**-vs-**

**Aaron Haroun u Victoria Azzopardi-Haroun**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-4 ta' Ottubru 2011 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

Illi nhar it-12 ta' Lulju 2011, l-esponenti akkwistaw il-fond internament immarkat bin-numru sitta (6), "Paceville Court", Triq Ball, Paceville permezz ta' subbasta (immobbli) numru 5/2011, fl-ismijiet **"HSBC Bank Malta plc vs Aaron Haroun et"**, kopja ta' liema atti jinsabu annessi u mmarkati "Dok A";

Illi l-konvenuti kienu l-proprjetarji tal-imsemmi immobbli, liema immobbli ġie mibjugħ permezz tas-subbasta msemmija;

Illi l-esponenti ddepożitaw fit-terminu lilhom mogħti mil-liġi s-somma ta' sebgħa u sebgħin elf Euro (€77,000) permezz ta' ċedola ta' depożitu numru 902/2011 wara l-bejgħ bis-subbasta msemmija;

Illi minkejja tali bejgħ in subbasta, il-konvenuti baqgħu jokkupaw l-imsemmi immobbli u kwindi qegħdin jagħmlu dan mingħajr titolu validu fil-liġi;

Illi minkejja illi l-intimati ġew interpellati sabiex jirrilaxxaw l-imsemmi immobbli u jgħaddu ċ-ċwievet lill-esponenti, u dan anke permezz ta' ittra tad-19 ta' Awissu 2011, kopja ta' liema ittra tinsab annessa u mmarkata "Dok B", l-intimati għażlu li jibqgħu inadempjenti;

Illi sa fejn jafu l-esponenti, il-konvenuti m'għandhom l-ebda eċċezzjoni x'jagħtu f'din il-kawża;

Illi l-esponenti jafu b'dawn il-fatti personalment;

Illi r-raġuni ta' din it-talba hi li l-konvneuti għandhom jiġu kkundannti sabiex jiżgumbraw u jirrilaxxaw il-fond internament immarkat bin-numru sitta (6) "Paceville Court" Triq Ball, Paceville *stante* li qegħdin jokkupawh mingħajr titolu validu fil-liġi u peress li f'din il-kawża jokkorru l-elementi msemmija fl-Art 167 tal-Kap 12, din il-kawża għandha tinstema' u tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ;

Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjoni neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jogħġobha:

1. Tisma' din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ a tenur l-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna lill-konvenuti sabiex jiżgumbraw mill-fond internament immarkat bin-numru sitta (6) "Paceville Court", Triq Ball, Paceville *entro terminu* qasir u perentorju

li jiġi prefiss u tirrestitwixxi l-fond u jikkonsenjaw iċ-ċavetta lill-atturi;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti minn issa nġunti in subizzjoni u b'riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-istanti, inkluż dik li jitolbu l-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni u / jew kumpens għall-okkupazzjoni sad-data tal-effettiv żgumbrament.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenuti naqsu li jippreżentaw risposta u għalhekk huma kontumaċi skond il-liġi;

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Frar 2012 fejn wara li l-attur ikkonferma bil-ġurament li ċ-ċirkustanzi ma nbidlux minn meta ġiet intavolata l-kawża, il-Qorti ddiferiet il-kawża għas-sentenza;

Illi fil-fehma tal-Qorti t-talba tal-atturi hija ġustifikata, u dan anke billi l-verżjoni tagħhom ma ġietx kontradetta;

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi tiddeċiedi l-kawża billi fil-kontumaċja tal-konvenuti tilqa' t-talbiet attriċi, u għall-fini tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta' xahrejn..**

**L-ispejjeż ikunu a kariku tal-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------